bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali

MAĠISTRAT ANTONIO MIZZI

Il-Pulizija
(Sp Pierre Micallef Grimaud)
vs
Joseph Portelli, iben Emanuel, imwieled Paola fl-1 ta' mejju, 1956

Illum, 11 ta' diċembru, 2000

Il-Qorti,
Rat iċ-ċitazzjoni kontra l-imputat -
1. talli fit-28 ta' april, 2000, għal ħabta tal-11.00 a.m. ġewwa San Ġiljan, inġurja jew hedded jew għamel offiża fuq Angelo Portelli, persuna nkarigata skond il-Liġi minn servizz pubbliku, waqt li jkun jagħmel jew minħabba li jkun għamel dan is-servizz, jew bil-ħsieb li jbezzgħu jew li jinflwixxi fuqu kontra
l-Liġi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz;
2. talli fl-istess jum, ħin, lok u ċirkostanżi, attakka jew għamel resistenza bi vjolenza jew b'ħebb, ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra Angelo Portelli, persuna nkarigata skond il-Liġi minn servizz pubbliku, fil-waqt li tkun taġixxi għall-esekuzzjoni tal-Liġi jew ta' ordni mogħti skond il-Liġi mill-awtorita' kompetenti;
3. talli fl-istess jum, ħin, lok u ċirkostanżi, attakka jew għamel resistenza bi vjolenza lill-gwardjan lokali waqt il-qadi ta' dmirijietu;
4. talli fl-istess jum, ħin, lok u ċirkostanżi ħebb għal Angelo Portelli u ikkaġunalu ġrieħi ta' natura ħafifa, skond ma ċċertifika it-Tabib Victor Buhagiar M.D. tal-Gżira Health Centre.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali eżebita fis-seduta tal-11 ta' diċembru, 2000 fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tal-11 ta' diċembru, 2000 fejn Angelo Portelli nforma
l-Qorti li ħafer lill-imputat u li ma jridx jixtieqx joffri x-xhieda tiegħu.

Rat il-verbal tas-seduta tal-11 ta' diċembru, 2000 fejn il-prosekuzzjoni nfurmat
il-Qorti li ma għandhiex aktar provi xi tressaq.

Għaldaqstant, ma ssibx lill-imputat ħati tal-akkużi kollha miġjuba kontra tiegħu u kwindi tilliberah mill-istess akkużi.